



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14952/23

CDR 172

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Komitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li taħtar żewġ membri
u erba' membri supplenti,
proposti mir-Renju ta' Spanja,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Spanjol,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157¹, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/1835², li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sa Francesca Lluch ARMENGOL i SOCIAS u s-Sur Francisco Javier LAMBÁN MONTAÑÉS saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Francisco Celso GONZÁLEZ GONZÁLEZ, is-Sur José Francisco HERRERA ANTONAYA, is-Sur Julián José ZAFRA DÍAZ u s-Sa Maria Teresa PÉREZ ESTEBAN saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (5) Il-Gvern Spanjol ippropona r-rappreżentanti li ġejjin ta' korp reġjonali li għandhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Jorge Antonio AZCÓN NAVARRO, *Presidente de la Comunidad Autónoma de Aragón* (President tal-Komunità Awtonoma ta' Aragona) u s-Sa Margarita PROHENS RIGO, *Presidenta del Gobierno de las Illes Balears* (President tal-Gvern tal-Gżejjer Baleariċi).

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1835 tas-6 ta' Ottubru 2021 li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 327, 20.10.2021, p. 14-15).

- (6) Il-Gvern Spanjol ippropona r-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sa Celia ALBERTO PÉREZ, *Directora General de Asuntos Europeos del Gobierno de Canarias* (Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Ewropej tal-Gvern tal-Gżejjer Kanarji), is-Sa Esther HERRANZ GARCÍA *Directora General de Fondos y Relaciones con la Unión Europea del Gobierno de La Rioja* (Direttur Ġenerali għall-Fondi u r-Relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea tal-Gvern ta' La Rioja), is-Sa Tomasa HERNÁNDEZ MARTÍN *Consejera de Presidencia, Interior y Cultura ,Gobierno de Aragón* (Ministru Reġjonali għall-Presidenza, l-Affarijiet Interni u l-Kultura, Gvern ta' Aragona), u s-Sa Cristina MENÉNDEZ ÁLVAREZ, *Directora General de Cooperación con el Estado y la Unión Europea, Comunidad de Madrid* (Direttur Ġenerali għall-Kooperazzjoni mal-Istat u l-Unjoni Ewropea, Komunità ta' Madrid),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettoral i jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

- Is-Sur Jorge Antonio AZCÓN NAVARRO, *Presidente de la Comunidad Autónoma de Aragón* (President tal-Komunità Awtonoma ta' Aragona),
- Is-Sa Margarita PROHENS RIGO, Margarita PROHENS RIGO, *Presidenta del Gobierno de las Illes Balears jew Presidenta de la Comunidad Autónoma de las Illes Balers* (President tal-Gvern tal-Gżejjer Baleariçi),

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sa Celia ALBERTO PÉREZ, *Directora General de Asuntos Europeos del Gobierno de Canarias* (Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Ewropej tal-Gvern tal-Gżejjer Kanarji),
- Is-Sa María Esther HERRANZ GARCÍA *Directora General de Fondos y Relaciones con la Unión Europea del Gobierno de La Rioja* (Direttur Ġenerali għall-Fondi u r-Relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea tal-Gvern ta' La Rioja),
- Is-Sa Tomasa HERNÁNDEZ MARTÍN *Consejera de Presidencia, Interior y Cultura, Gobierno de Aragón* (Ministru Reġjonali għall-Presidenza, l-Affarijiet Interni u l-Kultura, Gvern ta' Aragona),
- Is-Sa Cristina MENÉNDEZ ÁLVAREZ, *Directora General de Cooperación con el Estado y la Unión Europea, Comunidad de Madrid* (Direttur Ġenerali għall-Kooperazzjoni mal-Istat u l-Unjoni Ewropea, Komunità ta' Madrid),

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
